## Diskors ta' l-Inawgurazzjoni ta' Dar l-Armar



Onorevoli Sinjuri, Sur Sindku u Kunsillieri, Rev.Arċipriet u Kleru, Sinjuri u Ħbieb,

L-ewwel u qabel nirringrazzjakom tal-preż enza tagħkom hawn illejla. Iltqajna hawn-hekk sabiex ninawguraw dan il-bini majes-tuż li huwa propjeta tal-parroċċa tagħna, li bnejna sabiex isservi bħala maħżen ta' l-armar tal-Festa.

Ilu żmien twil ħafna jinħass il-bżonn u x-xewqa li l-armar tal-festa ikollu post aktar spazjuż u attrajenti fejn jintrefa'. Personalment ilni aktar minn 30 sena nvolut b'mod dirett fl-armar tal-festa u matul dawn it-30 sena dejjem niftakar li ddiskutejna li għ andna bżonn post akbar u aktar ta' kum-dita, imma ċ-ċirostanzi qatt ma ffavorew ix-xewqat u l-ħtiġijiet tagħna. Matul is-snin dejjem rajna kif nistgħu nespandu l-ispazji tagħna u nippruvaw noħolqu rimedji kif nistgħu nistivaw l-armar aħjar sabiex noħ olqu xi ftit aktar spazju, iżda għalkemm dejjem irnexxilna nkampaw il-ħtieġa taż-ż minijiet, dejjem aktar bdiet tinħass il-ħtieġa urġenti għal post akbar.

Minbarra dan, il-ħtieġa ta' post aktar spazjuż kienet ukoll qed tinħass ukoll mhux b'inqas fl-uffiċċju Parrokkjali minħabba li għalkemm ix-xogħol fl-uffiċċju żdied sew-wa, l-ispazji saru dejjem aktar limitati u dan qatt ma setgħa jespandi jekk ma jinstabx post addattat għal armar tal-festa.

Wara l-mewt ma' Marija Grech li seħħet f'Mejju 2003, ġie fis-seħħ it-testment li Ħuha Ġużeppi Grech kien għamel fl-14 ta' Mejju 1964 quddiem in-Nutar Dr. Antonio Carbonaro li bih huwa kien istitwixxa lil Parroċċa taż-Żejtun bħala eredi universali tiegħu u padruna assoluta ta' dak kollu li kellu. Għaldaqstant wara li l-Knisja wirtet il-propjeta' fejn kienu jabitaw dawn iż-żewġ t'aħwa benafatturi, malajr nibtet l-idea li din il-propjeta tinbidel bħala maħżen ta' l-armar u hekk ikun jista wkoll jiġi modernizzat u mkabbar l-uffiċċju parrokkjali.

Kien bit-tħabrik ta' l-Arċipriet attwali tagħna Rev. Eric Overend li din l-idea mxiet malajr il-quddiem u wara li bdew id-dikussjonijiet konnessi mat-twettiq ta' dan il-proġett, il-Perit Joseph Magro A&CE. ħażż il-pjanti preliminari li wara li ġew diskussi u emendati skond il-ħtiġijiet meħtieġa, ntalbu il-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet.

Dlonk wara li l-permessi ġew approvati, jiena flimkien ma' bosta minn sħabi taħt id-direzzjoni tal-kollega tagħna Marjohn Buġeja, middejna jdejna sabiex inwettqu x-xogħol kollu li kien jin-volvi proġett hekk ambizzjuż. Sa mill-ewwel jum li bdejna x-xogħol, kellna f'moħħna li dan ix-xogħol kellu jitlesta sal-festa ta' din is-sena, sabiex wara li nżarmaw l-armar mit-toroq inkunu nistgħu nerfgħu l-armar f'dan il-post spazjuż.

B'wiċċna minn quddiem u b'sodisfazzjon kbir, niftaħru li x-xogħol kollu li qed taraw quddiem-kom sar kollu kemm hu, minna, b'mod totalment volontarju. L-Isforzi kollha li għamilna flimkien, għamilnihom sabiex mhux biss nibnu u nlestu dan il-post, iżda sabiex nattrezzawħ bil-ħtiġijiet kollha meħtieġa. Dak kollu li għamilna għamilnieh b'mod professjonali u ppruvajna nagħmlu ħilitna sabiex dak kollu li għamilna nagħmluh sabiex isservi għal ħafna żmien sabiex ikun jista jintuża u jitgawda fit-tul.

Ix-xogħol preliminari fuq il-bini ta' dan il-maħżen beda propju fid- 19 ta' Marzu 2007 u propju ġimgħa wara l-festa tas-sena l-oħra bdejna ix-xogħol fuq it-twaqqiegħ u l-bini tiegħu. Ix-xogħ ol mexa b'ritmu tajjeb u għal Grazzja t'Alla ma ltqajniex ma' wisq problemi. Jum wara l-ieħor meta bdejna naraw il-ħolma tagħna issir realta' u meta bdejna naraw proġett bħal dan jieħu s-sura tiegħu, aktar għamilna kuraġġ u komplejna nistinkaw minn qalbna sabiex nikkonkludu dak li konna dħalna sabiex inwettqu minn ragħjna. B'determinazzjoni, b'kuraġġ u bl-akbar imħ abba, sodisfatti li lħaqna l-għan prinċipali tagħna u llum qed ninawguraw dan il-bini li ser ikun qed isservi lil parroċċa tagħna fil-ħidma tagħna kemm pastorali kif ukoll soċjali.
Ma nistgħax ma nikkonkludix dan id-diskors tiegħi tal-llum billi pubblikament nirringrazzja l-ewwel u qabel kollox lilek, maħbub Arċipriet, li kont int li aspirajtna u qawwejtilna qalbna sabiex naħdmu minn qalbna u bil-ħeġġa kollha li konna neħtieġu. Irrid nirringrazzja b'mod speċjali li sħabi kollha li ħdimna flimkien bħala familja waħda b'għan wieħed u speċifiku, dak li bil-ħidma tagħna nkunu ta' ġid għal komunita' tant għażiża tagħna.
Irrid nirringrazzja wkoll lil Perit Joseph Magro, lil bosta persuni oħra li għalkemm ħadmu minn wara l-kwinti, x-xogħol tagħhom huwa verament apprezzat u meħtieġ. Irridu nirringrazzjaw lil dawk kollha li mingħandhom xtrajna l-materjal kollu meħtieġ u għinuna bis-servizzi taghhom. Diversi persuni għinuna wkoll bl-għodda u inġenji tagħhom b'mod volontarju u ta' dan nixtiequ nuru l-apprezzament sinċier tagħna. Irridu bla dubju nirringrazzjaw ukoll lil ġirien tagħna li matul il-kors kollu tat-twettiq ta' dan ix-xogħol ħadu paċenzja mhux ftit bina, u għinuna wkoll b'modi diversi.
Hemm diversi persuni u entitajiet oħra li b'xi mod tawna l-għajnuna kollha meħtieġa. Fostom ir-ridu nsemmu lis-Sindku u l-Kunsill Lokali taż-Żejtun, lil persuni fil-Kunsill Ekonomiku tal-Parroċċa, lin-nisa tal-Grupp Fund Raising u lil diversi persuni oħra li b'xi mod taw il-kontribut tagħhom sabiex din il-ġurnata stajna ninawguraw dan il-bini hekk sabiħ. Irrid wkoll, fl-aħħar iżda żgur mhux l-inqas, nirringrazzjaw lil ħutna ż-Żwieten kollha tal-kontribut finanzjarju u morali tagħ hom. Mingħajr l-għajnuna ta' kulħadd f'daqqa ma kienx ikun possibli li llejla niltaqgħu hawn għ al dan il-għan subblimi.
Bla ebda dubju l-isem mogħti lil dan il-bini cioe' 'Dar l-Armar Ġużeppi u Marija Grech' huwa sinonimu ma' dawn iż-żewġ persuni li kienu huma l-persuni li tawna din l-opportunita' sabiex illum ninawguraw bini ġdid u attrajenti minn fejn il-parroċċa tista tkattar il-ħidmiet tagħha b'risq il-parruċċani tagħha.
Taħt il-ħarsien ta' Santa Katarina V.M. irridu f'din il-ġurnata nqanqlu il-kontribut tagħna sabiex din il-ġurnata ma' tkunx biss memorja ta' l-inawgurazzjoni ta' dan il-maħżen ġdid, iżda jkun il-bidu ta' żmien ġdid li jkompli jkattar aktar il-ħidmiet volontarji ta' aktar u aktar persuni li bil-frott tax-xogħol tagħhom jkomplu jagħtu kontribut siewi lil Parroċċa għażiża tagħna u lill-Komunita' taż-Żejtun b'mod inġenerali.

Grazzi Ħafna lil Kulħadd.



TANAYA'S
DEVELOPMENT LTD.
Xogħol ta' Bini u Twaqqiegħ
Bejgħ u Tpartit ta' Propjeta
Ċempel:- 99422422